

Is-Sebgħa u Għoxrin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Ħab 1, 2-3; 2, 2-4
Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9
2 Tim 1, 6-8. 13-14
Lq 17, 5-10

"Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut: **'Inqala' u mur tħawwel fil-baħar,' u hi kienet tisma' minnkom."**

Ejjew nilgħabu logħba ċkejkna u nimmaġinaw li nidħlu f'*time machine* biex immorru lura fiż-żmien lejn is sena 1616 x'imkien fl-Ewropa. Magħna nieħdu gazzetta u meta niltaqgħu man-nies nuruhom xi paġni minn din il-gazzetta. Barra li probabbilment qajla jkunu jafu jaqraw, jew jekk jaqraw żgur ma jagħrfux il-lingwi ta' żmienna, iżda anke jekk tittraduċi l-artiklu sew, in-nies tal-1616 ma jifhmu xejn milli tgħidilhom. Mur fehmhom xi tkun karozza , ajruplan, *smart phone*, *internet*, *pokémon*, *supermarket*, *football*, jew *hello kitty*!

Probabbli jistaqsuk xi jkunu *pokémon*? U kif taqbad tispjegalhom li jintefqu miljuni kbar biex tim ta' plejers jiġri wara ballun kontra tim ieħor? Probabbilment jgħodduk b'miġnun. Tkun qisek ġej minn pjaneta oħra. Mur spjegalhom xi jkun l-internet u kif tista' tgħid daħal f'kulma nagħmlu, fl-iskola, fix-xogħol u kultant anke biex tara x'se ssajjar!

Din il-logħba turina kif dak li jidher li hu impossibbli għal nies ta' żmien partikulari jaf isir ħaġa mill-iktar komuni maż-żmien. Issa ejjew naqbdu l-logħba bil-maqlub. Kieku xi ħadd kellu jiġi bit-*time machine* mis-sena 3016 u jurina gazzetta ta' żmienu u fiha ma nsibu l-ebda ġrajja ta' inkwiet jew gwerra, xi tgħidu? Nistħajjilkom tistaqsu "Kif jista jkun?" u ma naghtikomx tort għax s'issa qatt ma kellna żmien li fih ma kinitx għaddejja xi gwerra jew oħra.

Jien naħseb li Ġesù qed jurina messaġġ ċar fl-Evanġelju tal-lum. Għalkemm hemm ħafna affarijiet li jidhru diffiċli u impossibli, imma għal Alla xejn ma hu impossibbli. Għalhekk jgħidilna li jekk ikollna fidi daqs żerriegħa żgħira nistgħu ngħidu lil siġra biex tinqala u tmur x'imkien ieħor.

Ġesù ma jridx jgħidilna biex inċaqilqu s-siġar minn posthom imma li kollox hu possibli għal dawk li jemmnu. Il-paċi fid dinja, li l-bnedmin jħobbu lil xulxin, li ma jkunx hawn faqar u guħ u li kulħadd ikollu fejn jistkenn u l-opportunità li jitgħallem. Dan kollu possibli! Imma rridu nemmnu! Irridu nemmnu biżżejjed biex inxamru l-kmiem u naħdmu għaliha. Irridu wkoll nemmnu li fejn ma naslux aħna se jkun hemm min se jkompli u fuq kollox irridu nemmnu li fejn ma naslux aħna, hemm Alla li qed jaħdem magħna. Għalhekk fil-Bibbja naqraw li kollox hu possibli għal dawk li jemmnu.

Aghti l-kulur



## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

APPOSTLI, KATTAR, FIDI, ŻERRIEGĦA, MUSTARDA, SIĠRA, TUT, QADDEJ, FARDAL

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | F | L | X | M | Ż | A | R | B |
| A | P | P | E | M | O | E | GĦ | R | U |
| N | K | A | T | T | A | R | M | O | G |
| Ċ | O | P | S | IE | T | R | U | F | T |
| A | S | P | O | S | F | IE | S | M | I |
| S | Ħ | O | W | E | A | GĦ | T | U | T |
| M | A | S | I | Ġ | R | A | A | M | |
| Q | L | T | O | P | D | F | R | L | O |
| GĦ | O | L | N | Q | A | D | D | E | J |
| S | F | I | D | I | L | P | A | Ċ | Z |



## NITOLBU MAL-QADDISIN

San Franġisk ta' Assisi huwa żgur wieħed mill-qaddisin l-aktar popolari fid-dinja. Barra li ħajtu tispira tant nies biex jiddedikaw ħajjithom bħalu fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri, tal-Konventwali u tal-Kappuċċini, dan il-qaddis hu wkoll magħruf għall-bidla li ġab fil-Knisja, għall-imħabba tiegħu lejn il-ħolqien u għall-paċi. Għalkemm mhux kulħadd jaqbel li din it-talba kitibha dan il-qaddis kbir, żgur li l-kliem ta' din it-talba jirrifletti dak li San Franġisk għamel f'ħajtu.

Mulej agħmilni strument
tal-paċi tiegħek.
Fejn hemm il-mibgħeda,
ħallini nħeġġeġ l-imħabba;
fejn hemm il-ħtija,
ħallini nferrex il-maħfra;
fejn hemm id-dubbju,
ħallini ndaħħal il-fidi;
fejn hemm il-qtigħ il-qalb,
ħallini nqawwi t-tama;
fejn hemm id-dlam,
ħallini inkebbes id-dawl;
fejn hemm in-niket;
ħallini nxerred il-ferħ.

La tħallix
li iżjed infittex
li nkun imfarraġ
milli nfarraġ jien;
la tħallix li iżjed
jifhimni ħaddieħor
milli nifhem lil ħaddieħor jien;
la tħallix li iżjed ikun maħbub,
milli nħobb jien.

Għax meta nagħtu,
aħna naqilgħu.
Għax meta naħfru,
aħna nkunu maħfura.
Għax meta mmutu,
nqumu għall-ħajja ta' dejjem.







Promozzjoni

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**





AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION